MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 280/2011

**Peak Insurance Brokers Ltd (C-11185)**
**Vs**
**Star Tourist Services Ltd (C-14772)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob lis-socjeta’ konvenuta tigi kkundanata thallas is-somma da liquidarsi, liema somma m’ghandhiex teccedi l-ammont ta’ tlett elef, erba’ mija u tlieta u disghin ewro (€3493) u l-istess socjeta’ attrici qed tirrinunzja ghal kwalunkwe ammont oltre l-ammont indikat, rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta’ attrici bhala pagament ghal servizzi li l-istess sojceta’ attrici, fil-kwalita taghha ta’ *insurance broker* provdiet lis-socjeta’ konvenuta, liema socjeta’ minkejja li giet interpellata tersaq ghall-hlas diversi drabi baqghet inadempjenti;  bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li hi minn issa ngunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet illi preliminarjament it-talba attrici hija preskritta skont il-ligi; illi t-talbiet attrici huma infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt; illi s-socjeta' konvenuta ghar-rigward tal-kaz in kwistjoni stante li l-vettura kienet *fully insured comprehensive* meta t-terza persuna li wzat il-vettura ghamlet rapport li l-vettura giet misruqa u li s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif diga indikat fin-nota prezentata fil-Qorti tal-Magistrati fl-atti ta' l-ittra ufficjali tas- 26 t'Ottubru 2010 liema ittra ufficjali kienet diga preskritta skont il-ligi stante li kienu ga ghaddew sentejn mill-kaz in kwistjoni; bl-ispejjez inkluzi dawk tan-nota u l-ittra legali datata 31 ta' Dicembru 2009.

Sema' x-xhieda ta' Leslie Borg u ta' John Aguis in subizzjoni u ta' Kevin Borg,
Ra d-dokumenti kollha li gew prezentati u l-atti kollha tal-kawza;
Ra l-verabal tas seduta tal- 14 ta' Novembru 2012 fejn thalliet ghas-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet:**

Illi s-socjeta' konvenuta qieghda fl-ewwel lok tecepixxi l-preskrizzjoni tal-azzjoni. It-Tribunal jinnota illi f'ebda hin ma gie ndikat mis-socjeta' konvenuta liema hija l-preskrizzjoni li tapplika ghall-kwistjoni odjerna.

Huwa ormai pacifiku li l-parti konvenuta ghandha tindika l-artikolu li ghaliha qed taghmel rifereza meta qed tiddikjara li l-kawza hija preskritta.

Fil-kawza, *Joseph Gauci v Saviour Ablea*[1] l-Qorti tal-Appell iddikjarat,

*Irid jinghad ukoll illi l-proposizzjoni generika ta' l eccezzjoni tal-preskrizzjoni mill-parti nteressata ma tawtorizzax lill-gudikant biex jindividwa hu t-tip ta'preskrizzjoni li tghodd ghall-kaz. Dan ghaliex huwa l-*

---

[1] Appell Civili Inferjuri, Onor Imhallef Philip Sciberras deciza nhar it -22 Gunju 2005 (Appell Civili Numru. 1516/2002/1)

*parti li ghandu l-oneru jaghzel liema wahda mill-varji ipotesijiet prezunti mil-ligi hi applikabbli. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni specifika l-eccezzjoni nnifisha ma tistax hlief tigi dikjarata inammissibbli.* [2]

Ghalhekk in vista tal-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tindika d-disposizzjoni tal-ligi li tahtha huwa qieghed jeccepixxi l-preskrizzjoni tal-azzjoni, din l-eccezzjoni hija inammissibli.

In vista tas-suespost it-Tribunal ser jghaddi biex jikkonsidera l-kwistjoni in meritu. Mill-provi jirrizulta illi s-socjeta' attrici kienet l-*insurance broker* ta' Star Tourists Services Limited. Star Tourist Services kellhom flotta ta' karrozzi ghall-kiri *self drive*. Dawn kienu inxurajti b' polza *fully comprehensive*.

Is-socjeta' attrici bhala *insurance broker* qieghda titlob l-ammont ta' tlett elef, erba' mija u tlieta u disghin ewro (€3493) (u tirrinunzja ghal kwalunke ammont zejjed li jista' jkun dovut lilha ghas-servizzi mghotija lilha). L-ammont mitlub huwa ghall- *policy renewals* ta' diversi vetturi, inkluz *charges u duty* (ara dokument RG1).

Is-socjeta' attrici bhala *insurance broker* kienet tiehu hsieb il-*policy renewals* u anke 'l-*cliams* li kienet taghmel is-socjeta' konvenuta. Ghalhekk meta kien hemm *claim* kienet tikkommunika mal-principal (fil-kaz odjern Thomas Smith). Wara li jezamina l-kaz u jekk jaccetta il- *claim*, is-socjeta' attrici kienet tircievi *discharge form* u hlas permezz ta' cekk. Is-socjeta' assiguratrici Thomas Smith kienet tghaddi l-flus lis-socjeta' attrici, li mbagahd kienet tghaddihom lill-klijent.

Fil-kaz odjern jidher illi s-socjeta' konvenuta rrifjutat thallas ammonti dovuti lis-socjeta' attrici ghaliex ma kienx gie accettat *claim* li sar dwar karozza li giet misruqa. Din il-vettura, Kia Pride EAK-698 (propjeta tas-socjeta konvenuta), giet mikrija lil Joseph Grech. Joseph Grech kien rrapporta li l-karozza kienet giet misruqa. Kienu

[2] *Joseph Grech -vs- Emanuele Camilleri et*, Appell Kummercjali, deciz nhar il- 21 ta' Marzu 1977

ghamlu rapport kemm lill-pulizija u kif ukoll lill-*insuranmce.* Irrizulta pero' li wara li ghamlet il-verifiki taghha l-*insurance* saret taf illi kien sar rapport falz anke mal-pulizija.

Kevin Borg, rapprezentant ta' Thomas Smith Insurance Agency Limted, iddikjara illi hu sar jaf illi John Aguis kellu jaghti flus lil Joseph Grech; u Joseph Grech kien mbaghad mar ghand il-pulizija jghid li l-karozza kienet misruqa meta dan ma kienx minnu. Kienu saru sahansitsra proceduri kriminali kontra Grech. It-Tribunal ra s-sentenza fil-Qorti ta-Magistrati moghtija fis-seduta ta' nhar il-21 ta' Jannar 2008 fejn Joseph Grech ammetta u gie ikkunddanat li ghamel rapport falz. Kevin Borg zied li ghalhekk il-*claim* ma setghatx tigi accettata (Dok. KB1, ara Dok XX1 a fol 31). Il-polza tghid bic-car illi *what is not covered : loss or damage of your car by deception or fraudulent act of another person.* Ghal din ir-raguni qatt ma nhareg *discharge form* jew cekk bhalma hu l-prassi meta *claim* jigi accettat.

John Aguis, fix-xhieda tieghu ddikjara li kellu jhallas ghall-*premuims* pero' ma hallasx ghaliex huma kellhom ihallsuh tal-karozza misruqa. Ghalhekk skont hu s-socjeta' attrici kellha taghtih aktar flus milli kellu jaghti lilha hu. Hu ddikjara li Mark Zammit qallu li kien ser jithallas. Dan pero' gie kkontestat minn Mark Zammit ghaliex il-*claim* qatt ma gie accettat.

It-Tribunal ikkunsidra illi r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta ma kkontestatx il-fatt li kien hemm sommom dovuti ghall-*premiums* ta' karozzi ohra fil-flotta tas-socjeta' konvenuta anzi accetta dan. Il-kontestazzjoni tieghu, jekk tista' tigi msejha hekk, hi li s-socjeta' attrici kellha thallas lilha ammonti ghar-rifuzjoni tal-karozza EAK-698.

Skont is-socjeta' konvenuta ghandu jsir tpaccija ta' l-ammont mitlub fl-avviz mal-valur tal-vettura. Fil-fehma tat-Tribunal semmai kellha ssir kontro-talba skont artikolu 396 tal-kapitlu 12 jew kawza ohra ghaliex it-talba tieghu ghar-rifuzjoni hija kwistjoni diversa u estranea ghat-talba ghall-hlas ta' *premiums*, *charges* u *duty*.

Illi pero' s-socjeta' konvenuta lanqas ma gabet prova tal-valur tal-ammont ghar-*replacement value* jew mill-anqas dikjarazzjoni tal-valur tal-vettura ndikata fir-risposta. Di piu lanqas ma ressqet prova sodisfacjenti li l-ammont kien dovut mis-socjeta' attrici anzi hareg car mill-provi li l-principal cahad it-talba ghall-hlas u li ma kellhiex intenzjoni u qatt ma hallset lis-socjeta' attrici a bazi tal-polza t'assikurazzzjoni li tindika bic-car: '*what is not covered : loss or damage to your car by deception or fraudulent act of another person'*. [3]

Illi nfatti saru proceduri kriminali kontra t-terza persuna li wrew illi dan kien li gara. Ghalhekk l-*insurance broker* qatt ma kienet fil-pussess tal-flus ghaliex qatt ma thallset u ghalhekk m'ghandhiex x'taghti lis-socjeta' konveuta.

**DECIZJONI:**
Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tlett elef, erba' mija u tlieta u disghin ewro (€3493) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] A fol 31 tal-process.